

Brussell, 12 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12787/25

TRANS 382
DELECT 130

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	9 ta' Settembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 5969 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'9.9.2025 li jemenda d-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jaġġorna r-referenza għall-aktar Standard Ewropew reċenti li jistabbilixxi r-Rekwiżiti Tekniċi għall-Bastimenti tan-Navigazzjoni Interna (ES-TRIN 2025)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 5969 final.

Mehmuż: C(2025) 5969 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.9.2025
C(2025) 5969 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 9.9.2025

**li jemenda d-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex
jaġġorna r-referenza għall-aktar Standard Ewropew reċenti li jistabbilixxi r-Rekwiżiti
Tekniċi għall-Bastimenti tan-Navigazzjoni Interna (ES-TRIN 2025)**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

1.1 Il-ħtieġa li ssir referenza għar-rekwiżiti tekniċi aġġornati

Id-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni¹ (minn hawn 'il quddiem id-“Direttiva”), hi maħsuba biex tiżgura rekwiżiti tekniċi armonizzati, sikuri u aġġornati għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni. Għaldaqstant, il-bastimenti fil-kamp ta' applikazzjoni sostantiv u territorjali tad-Direttiva jridu jiksbu ċertifikat għan-navigazzjoni interna li jikkonferma li bastiment hu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva.

Dawn ir-rekwiżiti tekniċi huma previsti fl-Anness II tad-Direttiva b'referenza għall-Istandard Ewropew li jistabbilixxi r-Rekwiżiti Tekniċi għall-Bastimenti tan-Navigazzjoni Interna (ES-TRIN). L-istandard ES-TRIN huwa standard armonizzat Ewropew u jiġi aġġornat regolarment mill-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' Standards fin-Navigazzjoni Interna (CESNI, Committee for drawing up standards in the field of inland navigation). Ir-referenza fl-Anness II tad-Direttiva jeħtieġ tinbidel biex jitqiesu r-rekwiżiti tekniċi aġġornati. F'dawn l-aħħar snin, dan seħħ fl-2018², fl-2019³, fl-2021⁴ u fl-2023⁵.

1.2 Kuntest istituzzjonali

Ir-referenza għal standard tas-CESNI, jiġifieri ES-TRIN, issir biex jiġu żgurati regoli tekniċi armonizzati madwar l-Ewropa kollha. Is-CESNI nħoloq mill-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (CCNR, Central Commission for Navigation of the Rhine) f'kooperazzjoni mal-UE fl-2015. Is-CCNR kienet ġiet stabbilita qabel l-UE u hija organizzazzjoni internazzjonali b'kompetenzi regolatorji għal kwistjonijiet ta' trasport b'navigazzjoni interna fuq ir-Renu. Ir-Renu huwa l-aktar passaġġ fuq l-ilma intern li jintuża b'mod intensiv fl-Ewropa u, għalhekk, is-CCNR kisbet esperjenza sinifikanti fl-istabbiliment ta' rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni maż-żmien.

Permezz tas-CESNI, l-UE u s-CCNR jiżguraw l-adozzjoni ta' standards tekniċi armonizzati, sikuri u aġġornati fin-navigazzjoni interna f'diversi oqsma, b'mod partikolari fir-rigward tal-bastimenti, it-teknoloġija tal-informazzjoni u l-ekwipaġġ, l-interpretazzjoni uniformi ta' dawn

¹ Id-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li temenda d-Direttiva 2009/100/KE u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 118, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2016/1629/oj>).

² Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2018/970 tat-18 ta' April 2018 li temenda l-Annessi II, III u V tad-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni (ĠU L 174, 10.7.2018, p. 15, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir_del/2018/970/oj).

³ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1668 tas-26 ta' Ġunju 2019 li jemenda d-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni (ĠU L 256, 7.10.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/1668/oj).

⁴ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1308 tat-28 ta' April 2021 li jemenda l-Annessi I u II tad-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-modifika tal-lista tal-passaġġi fuq l-ilma interni tal-Unjoni u r-rekwiżiti tekniċi minimi applikabbli għall-inġenji (ĠU L 284, 9.8.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2021/1308/oj).

⁵ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2477 tat-30 ta' Awwissu 2023 li jemenda d-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-passaġġi fuq l-ilma interni tal-Unjoni u r-rekwiżiti tekniċi minimi applikabbli għall-inġenji (ĠU L, 7.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/2477/oj).

l-istandards u tal-proċeduri korrispondenti, kif ukoll id-deliberazzjonijiet dwar is-sikurezza tan-navigazzjoni, il-ħarsien tal-ambjent jew oqsma oħra tan-navigazzjoni.

Permezz tal-parteciċipazzjoni tal-esperti tal-Istati Membri kollha tal-UE u tas-CCNR, is-CESNI għandu l-għarfien espert meħtieġ biex ifassal standards komuni għan-network kollu tal-passaġġi fuq l-ilma interni fl-Unjoni Ewropea. L-UE tosserva l-ħidma tas-CESNI, flimkien ma' organizzazzjonijiet internazzjonali li l-missjoni tagħhom tkopri l-oqsma kkonċernati mis-CESNI.

Qabel l-adozzjoni ta' standard ES-TRIN ġdid mis-Sessjoni Plenarja tas-CESNI, titwettaq il-proċedura f'konformità mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE. F'dak ir-rigward, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/2687 tat-8 ta' Ottubru 2024⁶ stabbiliet il-pożizzjoni li għandhom jieħdu l-Istati Membri tal-UE f'isem l-Unjoni għall-adozzjoni ta' ES-TRIN 2025/1 fis-CESNI. Fis-17 ta' Ottubru 2024, is-CESNI adotta kif xieraq l-istandard ES-TRIN 2025/1.

1.3 L-istandard ES-TRIN riċenti

Is-CESNI normalment jaġġorna l-istandard ES-TRIN tiegħu darbtejn fis-sena biex iqis il-progress teknoloġiku u jiżgura l-applikabbiltà tar-regoli. L-aktar standard ES-TRIN 2025/1 reċenti jinkorpora l-emendi varji li jikkonċernaw b'mod partikolari l-oqsma li ġejjin:

- il-fjuwils b'punt ta' fjamabbiltà baxx, b'mod partikolari l-ħżin u l-użu tal-metanol,
- l-immakar ta' żoni perikolużi u t-tikkettar tal-fjuwils,
- is-sistemi ta' propulsjoni elettriċa,
- l-akkumulaturi tal-joni tal-litju,
- l-użu ta' aluminju jew ta' plastik imsaħħaħ bil-fibra għall-konstruzzjoni ta' bastimenti tal-passiġġieri,
- l-abbandun tal-protokoll tal-parametri tal-magna,
- ir-rikonossiment tal-eżenzjoni tal-ittestjar fuq il-post għall-magni,
- il-konnessjonijiet tal-mili u kodiċijiet xierqa tal-kuluri,
- it-tagħmir tan-navigazzjoni u tal-informazzjoni, b'mod partikolari tagħmir tal-AIS Interna,
- l-impjanti tat-trattament tad-drenaġġ,
- il-kmamar tat-tmunier li jistgħu jiġu elevati u dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-kmamar tat-tmunier ritrattibbli,
- is-sistemi ta' bexxiexa tal-ilma awtomatiċi li jaħdmu bl-arja kkompresata,
- il-partijiet ta' konnessjoni bejn l-ankra u l-katina,
- il-kabini tal-irqad,
- l-aġġornament tar-referenzi għar-Regolamenti għall-Persunal tan-Navigazzjoni fuq ir-Renu, għall-istandard ES-RIS 2025/1 u għal standards internazzjonali oħra.

F'dan l-isfond, fid-Direttiva għandha ssir referenza għall-istandard ES-TRIN 2025/1 bħala l-aħħar verżjoni.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

F'konformità mal-Artikolu 32(4) tad-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet qabel ma tadotta att delegat. L-abbozz tal-att delegat se jiġi kkonsultat mal-membri tal-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni dwar ir-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni.

⁶ ĠU L, 14.10.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2687/oj>.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Il-Kummissjoni ngħatat is-setgħa li tadotta atti delegati permezz tal-Artikolu 32 tad-Direttiva. L-Artikolu 31(1) tad-Direttiva jipprevedi li l-Kummissjoni trid tadotta atti delegati biex taġġorna, mingħajr dewmien żejjed, ir-referenza fl-Anness II għall-aktar verżjoni reċenti tal-istandard ES-TRIN u biex tistabbilixxi d-data ta' applikazzjoni tiegħu. L-istandard ES-TRIN 2025/1 huwa l-aktar verżjoni reċenti tal-istandard ES-TRIN u jinkludi l-emendi meħtieġa.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'9.9.2025

li jemenda d-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jaġġorna r-referenza għall-aktar Standard Ewropew reċenti li jistabbilixxi r-Rekwiżiti Tekniċi għall-Bastimenti tan-Navigazzjoni Interna (ES-TRIN 2025)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li temenda d-Direttiva 2009/100/KE u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE⁷, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(1) tagħha,

Billi:

- (1) Jenħtieġ li l-azzjoni tal-Unjoni fis-settur tan-navigazzjoni interna tiżgura l-uniformità fl-iżvilupp tar-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni fl-Unjoni.
- (2) Id-Direttiva (UE) 2016/1629 stabbiliet sistema armonizzata għall-ħruġ ta' ċertifikati tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni billi, *inter alia*, għamlet referenza għar-rekwiżiti tekniċi tal-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' standards fin-navigazzjoni interna ("CESNI", European Committee for drawing up standards in the field of inland navigation).
- (3) Is-CESNI ġie stabbilit fit-3 ta' Ġunju 2015 fil-qafas tal-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu ("CCNR", Central Commission for the Navigation of the Rhine) biex jiżviluppa standards tekniċi uniformi għall-passaġġi fuq l-ilma interni f'diversi oqsma, b'mod partikolari fir-rigward tal-bastimenti u r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti. Dawn l-istandards issir referenza għalihom ukoll fir-reġim legali tas-CCNR.
- (4) L-Anness II tad-Direttiva (UE) 2016/1629 jipprevedi li r-rekwiżiti tekniċi applikabbli għall-inġenji huma daww stabbiliti fl-Istandard Ewropew li jistabbilixxi r-Rekwiżiti Tekniċi għall-bastimenti tan-Navigazzjoni Interna fl-edizzjoni tiegħu 2023/1 (ES-TRIN 2023/1). L-istandard ES-TRIN jistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi uniformi meħtieġa biex tiġi żgurata s-sikurezza tal-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni.
- (5) Fil-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Ottubru 2024, is-CESNI adotta edizzjoni ġdida tal-istandard ES-TRIN, jiġifieri l-istandard ES-TRIN 2025/1. L-istandard ES-TRIN 2025/1 jintroduċi partikolarment regoli ġodda dwar il-fjuwils b'punt ta' fjamabbiltà baxx, b'mod partikolari l-ħżin u l-użu tal-metanol, l-immarkar ta' żoni perikolużi u t-tikkettar tal-fjuwils, is-sistemi ta' propulsjoni elettrika u l-akkumulaturi tal-joni tal-

⁷ Id-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li temenda d-Direttiva 2009/100/KE u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 118, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2016/1629/oj>).

litju, l-użu ta' aluminju jew plastik imsaħħa bil-fibra għall-kostruzzjoni ta' bastimenti tal-passiġġieri, l-abbandun tal-protokoll tal-parametri tal-magna, ir-rikonossiment tal-eżenzjoni tal-ittestjar fuq il-post għall-magni, il-konnessjonijiet tal-mili u l-kodiċijiet xierqa tal-kuluri, it-tagħmir tan-navigazzjoni u tal-informazzjoni, b'mod partikolari t-tagħmir tal-AIS Interna, l-impjanti tat-trattament tad-drenaġġ, il-kmamar tat-tmunier li jistgħu jiġu elevati u dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-kmamar tat-tmunier ritrattibbli, is-sistemi ta' bexxiexa tal-ilma awtomatiċi li jaħdmu bl-arja kkumpressa, il-partijiet ta' konnessjoni bejn l-ankra u l-katina u l-kabini tal-irqad.

(6) Għaldaqstant, l-Anness II tad-Direttiva (UE) 2016/1629 jenħtieġ li jiġi aġġornat biex jipprevedi li r-rekwiżiti tekniċi applikabbli għall-inġenji huma dawk stipulati fl-istandard ES-TRIN 2025/1 u jenħtieġ li japplika mill-1 ta' Jannar 2026.

(7) Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva (UE) 2016/1629 tiġi emendata kif xieraq,

ADOPTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tad-Direttiva (UE) 2016/1629 huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 9.9.2025

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN